**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tlettax (13) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 225/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Josef Gauci)***

**Vs**

**Judith Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Judith Agius**, bint Joseph u Paula nee Muscat, imwielda fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 1945 u residenti numru sitta (6), Triq tat-Trux, Għarb Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 104245(G) talli nhar it-tnax (12) ta' Awwissu 2023, għall-ħabta tad-

disgħa (09:00hrs), u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Triq tat-Trux, Għarb Għawdex, u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) insulentat, heddet jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Rupert Ashmead Aurelius Brooke;[1]

(2) ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil Rupert Ashmead Aurelius Brooke meta kienet taf jew missha kienet taf li kienet ta' fastidju.[2]

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Rupert Ashmead Aurelius Brooke u dan ai termini tal-Artikoli 383 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu 2023, Rupert Ashmead Aurelius Brooke għamel rapport ġewwa l-Għassa tar-Rabat

[1] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għawdex fejn allega li l-akkużata kienet ilha għaddejja għal żmien twil b'sensiela ta' insulti, invażjoni ta' privatezza u fastidju kontinwu fil-konfront tiegħu, ta' martu Carmen Brooke u ta' bintu Dr. Lisa Brooke. Il-parte civile sostna li l-akkużata hi l-ġara tiegħu u l-propjetajiet rispettivi tagħhom huma kontigwi għal xulxin.

In segwitu għal dan ir-rapport, il-Pulizija għamlu kuntatt mal-akkużata. Wara li hija ġiet mogħtija d-drittijiet legali tagħha u ikkonsultat mal-Avukat tal-fiduċja tagħha, l-akkużata stqarret li dan ir-rapport kienet wieħed inveritier. Sostniet li kien il-parte civile u l-membri tal-familja tiegħu li kienu imqabbdin magħha. Sostniet li hija qatt ma offendiet jew insulentat lill-parte civile. Judith Agius ġiet infurmata li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tagħha.

Ikkunsidrat:

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9</u>**

Fl-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qiegħda taddebita lill-akkużata l-ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 u ċioe li l-akkużata insulentat, heddet jew inġurjat bi kliem lill-parte civile. Mir-rapport oriġinali li l-parte civile għamel fil-konfront tal-akkużata kif wkoll mix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti, ma irriżultax li l-akkużata hedded lill-parte civile fis-sens li l-akkużata ipprospettat lill-parte civile ħsara inġusta fil-futur.[3] Madanakollu mill-istess rapport u xhieda ħareġ kif l-akkużata kienet tindirizza kliem dispreġjattiv fil-konfront tal-parte civile. Dan għal xejn b'xejn. Fid-deposizzjoni tiegħu l-parte

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Frendo, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sebgħa (7) ta' Lulju 1994 li tat definizzjoni ta' "theddida" għall-fini ta' dan l-artikolu.

civile indika kif kemm -il darba huwa ġie mgħajjar bi kliem *"imġiddem"* u *"ħanżir"*.[4] Dan apparti kliem vulgari ieħor li għalih hemm riferenza fir-rapport li sar lill-Pulizija,[5] liema rapport ġie anke konfermat mill-parte civile waqt id-deposizzjoni tiegħu. Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' hija stess ix-xhieda tal-parte civile u tara l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-veraċita ta' dak li huwa xehed. Apparti minn hekk il-Qorti qabblet wkoll il-verżjoni li l-parte civile ta meta mar jagħmel ir-rapport tiegħu kif wkoll ix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti u assolutament ma rriżultawlhiex xi diskrepanzi li setgħu ixejnu l-kredibbilita tal-istess xhud. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif insulti simili kienu indirizzati wkoll mill-akkużata lejn ix-xhud Dr Lisa Brooke f'okkażżjoni fejn hija kienet ħierġa mid-dar u ma kien hemm assolutament ħadd ieħor fit-triq. Kif l-akkużata ma kellha l-ebda esitazzjoni tgħajjar lil bint il-parte civile, il-Qorti hija konvinta li l-istess insulti ġew indirizzati wkoll fil-konfront tal-parte civile.

Ta' min jgħid li fid-difiża tagħha l-akkużata fl-ebda ħin ma ippruvat tattakka dak allegat mill-parte civile għar-rigward din l-ewwel akkuża. Infatti s-sottomissjonijiet tad-difiża kienu iffukati unikament fuq l-akkuża tal-fastidju u mhux fuq din l-ewwel (1) akkuża.

Għalhekk il-Qorti tqis li din l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata u l-Qorti sejra issib ħtija fl-akkużata f'din l-ewwel akkuża.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 251A tal-Kap. 9</u>**

---

[4] Fol. 15 tal-proċess.

[5] Fol. 10 tal-proċess.

Fit-tieni akkuża, il-Prosekuzzjoni qiegħda tallega li l-akkużata ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lill-parte civile. Dan huwa r-reat ravviżat fl-artikolu 251A tal-Kap. 9. Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija jrid jiġi ippruvat li:

> *"l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent. Tant hu hekk illi: "L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lill-persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. ....*
>
> *Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b' mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għall-fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għall-fastidju tal-persuna l-oħra.*
>
> *Fis-subinċiż (3)(c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b' reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raħjonevoli.*

*Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", ...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli.*

*Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*"…. f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il- Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien."*[6]

Id-difiża tipprova tinnewtralizza l-każ tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' din l-akkuża billi tallega li prattikament l-allegati inċidenti kollha ma seħħewx fi Triq it-Trux, Għarb iżda *se mai* fuq in-naħa ta' wara tad-dar tal-kwerelant. Allura issostni li l-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija minħabba li l-post tal-akkuża huwa indikat ħażin.

---

[6] Ara **Il-Pulizija vs Denise Falzon** deċiża nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2018 – Appell Kriminali Numru 156/2017.

Din il-Qorti qabel xejn tibda biex tirrileva li l-akkuża ma kinitx ċirkonskritta għal Triq it-Trux, Għarb iżda tkompli bil-kwalifika ulterjuri *"u/jew f'dawn il-Gżejjer."* Din allura qiegħda tindika postijiet oħra minbarra Triq it-Trux. Apparti minn hekk kif kellha l-opportunita tirrileva din il-Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet ***The Police vs Bhuwan Basnet***:

> *"a charge sheet need only provide an approximate location, date, and time sufficient to enable the accused to prepare his defence. The charge sheet serves only as a notice for the accused to appear before the Court and to respond to the charges being brought against him. There is definitely no need to have the exact or precise location of the offence/s indicated in the charge sheet."*[7]

Jiġi senjalat li r-residenzi kemm tal-parte civile kif wkoll tal-akkużata jinsabu biswit xulxin fi Triq it-Trux, Għarb, Għawdex. Għalhekk anke jekk l-azzjonijiet kienu qegħdin jiġru fi jew bejn il-btieħi tar-residenzi rispettivi tagħhom, xorta din il-Qorti tqis li l-inċidenti kienu qegħdin iseħħu fl-akwati ta' Triq it-Trux. Per konsegwenza l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża li l-affarijiet li setgħu ġraw fil-btieħi tal-kontendenti għandhom jiġu skartati għax ma ġrawx fi Triq it-Trux sejra tiġi miċħuda.

Minn eżami tax-xhieda mogħtija u tad-dokumenti kollha esebiti, din il-Qorti tinsab konvinta li l-elementi kollha tar-reat kontemplat fl-artikolu

[7] Deċiża fit-tletin (30) ta' April 2025 (Każ Numru 6966/2024). Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Grima***, deċiża fit-tlettax (13) ta' Settembru 2024. Appell Numru 406/2023.

251A tal-Kap. 9 ġew sodisfatti. Huwa ċar kif min-naħa tal-akkużata tul dawn l-aħħar snin – partikolarment wara li l-parte civile u l-familja tiegħu iddeċidew li jagħmlu xi xogħol ta' rinnovament fid-dar tagħhom u applikaw għall-permessi relattivi mingħand l-awtoritajiet kompetenti – **<u>kien hemm vessazzjonijiet kontinwi u persistenti</u>** fil-konfront tal-parte civile u l-membri tal-familja tiegħu bl-iskop uniku li ddejjaqhom.

Il-parte civile spjega kif l-akkużata:

(i) tkun għassa tal-movimenti kollha tagħhom tul il-ġurnata kollha waqt li hu u l-membri tal-familja tiegħu jkunu dar;

(ii) tqatta' ħin twil bil-qiegħda quddiem jew maġenb ir-residenza tagħhom u tgħaddi kummenti vojta x'ħin il-parte civile u l-membri tal-familja tiegħu jkunu deħlin jew ħerġin mid-dar. Dan filwaqt li ma jkun hemm l-ebda diskors jew kuntatt magħha min-naħa tal-parte civile jew il-membri tal-familja tiegħu;

(iii) kien hemm okkażżjonijiet fejn l-akkużata saħansitra qagħdet bil-qiegħda biswit it-trakk parkeġġjat tal-kwerelant jew eżattament viċin il-bieb tal-garaxx tal-kwerelant b'mod li jkollu joqgħod attent huwa u jimmanuvra l-vettura biex ma jolqothiex. Brooke innota kif dan kollu qed isir biex l-akkużata tipprova tippreċipita xi inċident;

(iv) ma jistax jħalli l-bieb tal-garaxx miftuħ għax inkella l-akkużata toqgħod tittawwal il-ħin kollu ġewwa l-garaxx tiegħu;

(v) tpoġġi l-mops eżattament biswit fejn tibda l-propjeta tal-kwerelant meta l-propjeta tagħha għandha faċċata pjuttost sostanzjali għal fuq it-triq;

(vi) kif il-parte civile u l-membri tal-familja tiegħu jkunu fil-ġnien tagħhom, l-akkużata tmur fuq is-setaħ tagħha biex issegwi l-movimenti tagħhom. Saħansitra hemm ritratti li juruha qed tuża tromba biex tħares lejn il-propjeta tal-kwerelant.

Dak li xehed il-parte civile huwa korraborat kemm mix-xhieda ta' Dr Lisa Brooke kif wkoll minn dik ta' Carmen Brooke u jsib sostenn wkoll fin-numru ta' ritratti u filmati li ġew esebiti.

Indubbjament dan kollu jammonta għal *course of conduct* li huwa rikjest għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Mill-provi prodotti ħareġ ċar wkoll kif dan l-atteġġjament persistenti tal-akkużata qiegħed jikkawża disturb emozzjonali fil-parte civile. Fix-xhieda tiegħu jikkummenta kif dan l-atteġġjament: ***"is affecting our quality of life, it really is and it is everyday continuous. And it is just intolerable."***[8] (Enfażi tal-Qorti). Il-parte civile spjega kif saħansitra kellhom jgħattu l-ġnien tagħhom b'xibka ħadra biex jippruvaw kemm jista' jkun jkollhom xi ftit privatezza ġewwa r-residenza tagħhom stess. Mart il-parte civile saħansitra wkoll spiċċat f'sitwazzjoni fejn mill-anqas qiegħda toħroġ mid-dar u dan fi sforz sabiex hija ma tiltaqax mal-akkużata. Prattikament spiċċat priġuniera ġo darha. Il-Qorti tinnota kif ma rriżultat l-ebda raġuni li isservi ta' ġustifikazzjoni għal din l-imġieba tal-akkużata. Għalhekk il-Qorti sejra issib ħtija fl-akkużata wkoll f'din l-akkuża.

- **Decide**

[8] Fol. 19 tal-proċess.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 339(1)(e), 251A(1) u 251A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib **lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha**.

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħatja titqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħatja **Judith Agius** taħt Ordni ta' *Probation* għal **perijodu ta' tliet snin** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess **Judith Agius** titqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil **Judith Agius** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Judith Agius.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja **kull sitt (6) xhur**.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-Kap. 9 il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħatja u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Rupert Ashmead Aurelius Brooke u l-membri tal-familja tiegħu preċiżament Carmen Brooke u Dr Lisa Brooke. L-ordni qed tiġi magħmula **għal żmien tlett (3) snin mil-lum** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħatja bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk hija tikser tali ordni tat-trażżin.

**Dr Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Reġistratur**